MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Mandat Numru. 1577/2012/1

**Ivan Azzopardi (ID 481575M) u martu Carmen Azzopardi Domancich (ID 439474M)**

***kontra***

**Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u General Retailers and Traders Union**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti fit-18 ta` Ottubru 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u konfermati bil-gurament minnhom it-tnejn, talbu lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat milli –

*B`xi mod li jkun tkompli tipprocessa l-applikazzjonijiet ghar-rilokazzjoni tal-kiosks fiz-zona ta` City Gate Valletta u tassenja l-istess, liema rilokazzjoni giet offruta lill-persuni kollha li kellhom pussess attwali (hu x`hinu t-titolu) ta` kiosk fl-istess inhawi.*

Rat ir-ragunijiet illi taw ir-rikorrenti biex isostnu t-talba taghhom.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta` Ottubru 2012 li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi zmien ghaxart ijiem biex iwiegbu, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2012 fis-2.00 p.m.

Rat li l-intimati kienu notifikati fid-19 ta` Ottubru 2012.

Rat ir-risposta tal-intimata General Retailers and Traders Union “GRTU”) li kienet prezentata fid-29 ta` Ottubru 2012.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta tal-GRTU.

Rat ir-risposta tal-intimat Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni (“Ministeru”) li kienet prezentata fit-30 ta` Ottubru 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta tal-Ministeru.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2012.

Rat id-digriet taghha moghti f`dik l-udjenza fejn cahdet it-talba ta` Alfred Difesa, li saret permezz ta` rikors prezentat fid-29 ta` Ottubru 2012, biex jintervjeni *in statu et terminis* fil-procediment tal-lum.

Rat id-digriet taghha moghti f`dik l-udjenza fejn varjat id-digriet taghha tat-18 ta` Ottubru 2012 fejn laqghet provvizorjament it-talba ghall-hrug tal-mandat billi pprovdiet illi dak id-digriet ghandu jkun limitat fis-sens illi l-Ministeru ma ghandux ikompli jipprocessa l-applikazzjoni tal-kjosk numru 2, Departures, fiz-Zona ta` City Gate, Valletta, u lanqas ighaddi ghall-assenjazzjoni taghha, b`hekk illi l-applikazzjonijiet l-ohra ta` terzi jkunu jistghu jigu processati u rilokati.

Fl-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2012, semghet ix-xiehda ta` John Debono, policy manager tal-Ministeru u tal-P.L. Victor Bugeja.

Semghet lir-rapprezentant tal-Ministeru jiddikjara, ghall-fini tal-Art.873(3) tal-Kap.12, illi li kieku ma kienx ghad-digriet ta` din il-qorti tat-18 ta` Ottubru 2012, l-ipprocessar ta` l-applikazzjoni tal-kjosk numru 2, ir-rilokazzjoni taghha, u l-assenjazzjoni taghha lil Alfred Difesa kienet issir immedjatament.

Rat ukoll id-dokumenti li kienu esebiti waqt l-istess udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Dritt</u>**

Skond l-**<u>Art. 873(1)</u>** tal-Kap.12 –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**<u>Art. 873(2)</u>** tal-Kap.12 –

*Il-Qorti **<u>m`ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mill-Art. 873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa : fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **<u>Grech pro et noe vs Manfre`</u>** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Hemm imbaghad l-**<u>Art. 873(3)</u>** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela b`**<u>zieda</u>** ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Art.873, irid jinghad illi skond is-subinciz (3), meta l-hrug tal-mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha, bhal ma huwa l-kaz tal-lum, irid jintwera wkoll (a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq, u (b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Din il-Qorti hija sodisfatta li jirrizulta l-ewwel element tas-subinciz (3) meta bid-dikjarazzjoni li saret mir-rapprezentant tal-Ministeru waqt is-smigh tat-30 ta` Ottubru 2012, il-Ministeru kkonferma li, kieku ma kienx ghall-fatt li r-rikorrenti ressqu t-talba taghhom, u kieku ma kienx ghad-digriet provvizorju ta` din il-Qorti, dak li r-rikorrenti kienu qeghdin jibzghu li jsehh kien fil-fatt isehh.

Ghar-rigward tal-element tal-*pregudizzju* meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3), din il-Qorti tirrileva illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

Din il-Qorti tghid illi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali. Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-mandat huma <u>kumulattivi mhux alternattivi</u>. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba tar-rikorrent. Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Provi</u>

Din il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal dawk il-provi li tqis **<u>rilevanti</u>** ghall-procediment tax-xorta tal-lum.

Fost il-kiosks li ssib barra Bieb il-Belt, hemm wahda bl-isem "*Music Box Kiosk*". B`effett minn Marzu 2008, in-negozju minn din il-kiosk beda jitmexxa mir-rikorrent wara li Alfred Difesa ("Difesa") ghadda l-pussess tal-kiosk lir-rikorrent. Talli ghaddielu l-pussess, ir-rikorrent beda jghaddi kera lil Difesa skond ftehim li kien hemm bejniethom (ara d-deposizzjoni tal-P.L. Victor Bugeja). In-negozju ghadu gestit mir-rikorrent anke sal-lum.

Meta gie biex isir il-progett ta` Bieb il-Belt, il-Gvern hareg ordni ta` zgumbrament lill-persuni kollha li kellhom il-kiosks sabiex jitilqu mis-sit fejn kienu, u haseb ghal post iehor fejn ikun jista` jsir in-negozju. Il-Gvern iddelega lill-GRTU biex tistabilixxi min kienu l-operaturi tal-kiosks. Il-bicca l-kbira tal-operaturi kienu membri tal-GRTU. Din kisbet ukoll taghrif mid-Dipartiment tal-Artijiet. Kien esebit mill-GRTU id-Dok G2 a fol 16 li juri li fil-kaz tal-*Music Box* l-*occupier* kien indikat bhala Difesa pero` fir-*remarks* inghad *unlet/squatter.* Meta mbaghad l-GRTU kitbet lill-Ministeru fl-20 ta` Awissu 2012 (ara Dok VB1 a fol 4), fil-kaz tal-kiosk in kwistjoni, il-GRTU ndikat lir-rikorrent u lil Difesa bhala l-operaturi (ara Dok VB1 a fol 4). Fir-risposta taghha l-GRTU rega` semmiet lil Difesa biss bhala l-operatur (ara fol para 4 tar-risposta a fol 12).

Ghal dik li hija shubija tar-rikorrent fil-GRTU, jinghad illi waqt li fil-para.6 tar-risposta (fol 12) il-GRTU tghid illi r-rikorrent mhux membru taghha, imbaghad fil-para.15 tal-istess risposta (a fol 16), tghid illi fil-fatt ir-rikorrent huwa membru.

Ghalkemm hadd mill-operaturi tal-kiosks ma kellu titolu anke ghaliex kwalsiasi dritt illi seta` kien hemm inkluz *encroachment* kien terminat f`Jannar 2011 (ara l-ittra tas-6 ta` Settembru 2011 – Dok VB3), il-Gvern ghamel zewg offerti lill-operaturi : jew jithallsu €50,000 u jhallu l-kiosk ; jew jinghataw *the right of first refusal* meta ssir l-allokazzjoni tal-kiosks fis-sit il-gdid. Ir-rikorrent ghazel it-tieni alternattiva. Minn taghrif li r-rikorrent kiseb mill-GRTU, irrizulta illi l-Gvern kien ser jaghraf lil min kellu l-pussess attwali tal-kiosk – kien x`kien it-titolu. U minn taghrif iehor li kiseb mid-Dipartiment tal-Artijiet, irrizulta li Difesa ma kellux titolu ghal dik il-kiosk. Fil-fatt kienet harget *eviction order* anke kontra Difesa.

Fil-25 ta` Settembru 2012, il-Ministeru awtorizza lill-GRTU *to proceed to draw lots for the six kiosks at the Valletta Terminus among the six operators mentioned …* (ara Dok VB2 a fol 6). Fost l-operaturi, ir-rikorrent u Difesa kienu indikati ghall-*Music Box*. Fil-fatt ir-rikorrent u Difesa messhom il-kiosk numru 2 fis-sit il-gdid u ffirmaw it-tnejn fuq il-kaxxa relattiva (ara Dok VB3 a fol 7). Fit-2 ta` Ottubru 2012 (ara fol 17) il-GRTU issenjalat lill-Ministeru li r-rikorrent kien qed jopera l-kiosk waqt li Difesa kien qed jikkontendi li kellu *sole rights*.

Ir-rikorrent u martu ntavolaw il-procediment odjern sabiex ma jibqax barra mill-allokazzjoni tal-kiosk il-gdida.

Il-GRTU irrifjutat li tiehu posizzjoni dwar drittijiet li r-rikorrent u Difesa kienu qeghdin jippretendu fil-konfront ta` xulxin. Fil-proceduri tar-rikors Nru. 1474/2012 ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni istitwiti minn Difesa, il-GRTU ghamlet dan il-verbal fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2012 (ara fol 39) – *Dr. Jean Karl Farrugia ghall-union intimata jiddikjara illi mit-taghrif li ghandha l-GRTU l-operatur tal-gabbana f`Bieb il-Belt K7 maghrufa bhala Music Box huwa Alfred Difesa. Il-GRTU infurmat lill-Ministeru illi kien gie a konoxxenza taghha kontestazzjoni dwar it-titolu fuq din il-gabbana minghand certu Ivan Azzopardi, liema kontestazzjoni il-GRTU ma dahlitx fija u liema dikjarazzjoni Dr. Farrugia jiddikjara li ma tibdilx il-fehma tal-Assocazzjoni minnu rapprezentata dwar l-operatur maghruf*.

Fl-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2012, il-posizzjoni tal-Ministeru hija riflessa fil-verbal illi sar Dr. Susan Sciberras li jghid hekk – *tirrileva fl-ewwel lok illi Dok VB2 jirreferi ghal process qabel ma ttellghu l-poloz. Fit-tieni lok peress illi sussegwenetment ittellghu l-poloz u l-kjosk Music Box giet assenjata l-kjosk K2, il-Ministeru ma jidholx fil-kwistjoni dwar min jiffirma l-kuntratt ghal din il-kjosk dment li jkun hemm ftehim bejn* l-*operaturi li allegatament qeghdin jivvantaw drittijiet fuq din l-istess kjosk jew*

*sentenza ta` qorti li tghid min hu l-operatur jew operaturi tal-istess kjosk.*

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

In kwantu ghar-rekwizit tad-*jedd prima facie* din il-Qorti trid tghid illi t-titolu ghall-kiosk de quo mhuwiex il-kwistjoni. Dan qieghed jinghad ghaliex irrizulta illi fil-mument li l-Ministeru ghamel il-proposta tieghu hadd mill-kiosks ma kellu titolu. Il-Ministeru ghamel l-offerta lill-operaturi tal-kiosks. Rilevanti ferm ghall-kwistjoni tal-lum huwa min kien l-operatur attwali tal-kiosk de quo fil-mument meta l-Ministeru ddelega lill-GRTU biex taghmel l-ezercizzju ta` verifika. U minn dak l-esercizzju ta` verifika, irrizulta li tnejn kienu l-persuni li *prima facie* kellhom interess f`dik il-kiosk : Difesa – ghaliex fil-passat kellu *encroachment* kif jirrizulta mit-taghrif illi hareg mid-Dipartiment tal-Artijiet ; u r-rikorrent – ghaliex mhuwiex kontestat illi kera l-kiosk minghand Difesa u kien ilu aktar minn erba` snin jiggestixxi l-kiosk ad eskluzjoni ta` Difesa. Mela ladarba l-kriterju stabbilit mill-Gvern stess ghall-ezercizzju tal-opzjoni kien l-operatur, ir-rikorrent ma setax jigi eskluz *a priori* mic-cans tal-allokazzjoni u tal-assenjazzjoni.

*Tuttaltracosa* huwa l-mertu tal-pretensjonijiet konflittwali bejn Difesa u r-rikorrent. Il-procediment tal-lum huwa ghal kollox distint mill-kwistjoni fil-mertu. Il-kompitu ta` din il-qorti huwa li tara jekk humiex sodisfatti inkella le r-rekwiziti tal-Art.873, mhux li tiddeciedi l-mertu. Ir-rwol taghha huwa li tmiss il-mertu b`mod ristrett hafna sabiex tara jekk humiex sodisfatti inkella le r-rekwiziti tal-Art.873 – *punto e basta*. Il-procedura bhal dik tal-lum hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-mertu. Mela

unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta’ din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu ta` bejn Difesa u r-rikorrent. Hadd mill-partijiet ma jista’ jew m’ghandu jippretendi li mad-“*daqqa t’ghajn*” ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta’ Inibizzjoni dak li jispetta lil haddiehor illi jaghmel fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta’ Inibizzjoni.

Ghal din il-Qorti, ir-rikorrent ghandu *jedd prima facie* li jippromwovi din l-istanza.

Tghaddi issa ghar-rekwizit tal-*isproporzjon tal-pregudizzju.* Huwa manifest li Difesa qieghed jippretendi li l-kiosk ghandha tkun allokata lilu biss ad eskluzjoni tar-rikorrent. Edotta kif inhi din il-Qorti mill-posizzjoni li hadet il-GRTU fil-kwistjoni, izda l-aktar bil-posizzjoni li ha l-Ministeru partikolarment waqt it-trattazzjoni tar-rikors, din il-Qorti m`ghandhiex dubju li jekk ma tordnax il-hrug tal-mandat, il-pregudizzju li se jinkorri r-rikorrent u martu se jkun sporzjonat fil-konfront tal-Ministeru. U dan fis-sens illi r-rikorrent jispicca b`xejn waqt li l-Ministeru xorta jista` jipprocedi, kif *del resto* huwa diga` awtorizzat, imexxi l-kiosks kollha mill-post attwali ghas-sit il-gdid, bl-assenjazzjoni tal-K2 issir meta ticcara ruhha t-tilwima bejn Difesa u r-rikorrent.

Ghal din il-Qorti, anke ir-rekwizit tal-*isproporzjon tal-pregudizzju* huwa sodisfatt.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, waqt li ssib li jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega skond il-ligi, qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti limitatament u fis-sens illi qeghda tordna l-hrug ta`**

**Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimat Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni sabiex ma jassenjax il-kiosk K2, fiz-Zona tad-Departures, City Gate, Valletta, jekk mhux lill-persuna jew persuni li fiz-zmien meta l-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni ghamel l-offerti fuq riferiti jirrizulta illi kienet l-operatur jew l-operaturi ta` kiosk Numru 7 bl-isem *Music Box* li qabel kien jinsab fiz-zona fejn kienu l-kiosks barra Bieb il-Belt qabel ir-rilokazzjoni taghhom.**

**Tordna li kull parti fil-procediment tal-lum thallas l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------